**16 ta' Novembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Leslie Causon *noe*

*versus*

William Harding *noe et*

**Danni - *Gate Pass Out* - Prova - Presunzjoni *Juris Tantum* ta'**

*L-attur issurrogat aġixxa biex jirkupra danni sofferti mill-assikurat tiegħu. Appell tal-konvenut Cargo Handling Co. Limited li ġie addebitat bir-responsabbiltà mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti ta' l-Appell għamlet referenza għall-prinċipju affermat anke mill-ġurisprudenza u ċjoè il-presunzjoni* iuris tantum *li l-*Gate Pass Out *nadif kien effettivament jirrispekkja l-korrettezza tal-kontenut tiegħu. Kontra dan tista' tinġieb prova konvinċenti u inekwivoka.*

*Fil-każ in eżami tali prova ma nġabitx u għalhekk l-appell ġie milqugħ u t-talbiet attriċi miċħuda ukoll fil-konfront ta' l-appellant.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine* pproċeda b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"Illi s-soċjetà International Autombobiles Limited importat hawn Malta konsenja ta' 44 karozza liema konsenja

waslet Malta abbord il-vapur AUTO ATLAS 3 fil-31 ta' Diċembru, 1992 (dok. A);

Illi meta l-konsenja ġiet irrilaxxjata lis-soċjetà mportatriċi nstabu diversi ħsarat u nuqqasijiet;

Illi s-soċjetà mportatriċi kienet assigurata ma' l-attur *nomine* u b'hekk ġiet ikkompensata għall-imsemmija ħsarat u nuqqasijiet fil-valur ta' Lm275.58,0. Illi b'hekk skond il-liġi u skond il-polza l-attur ġie debitament issurrogat;

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma responabbli għall-imsemmija nuqqasijiet u ħsarat;

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom responsabbli għan-nuqqasijiet u ħsarat fuq imsemmija;

Tikkundanna l-konvenuti jħallsu lil-attur is-somma ta' Lm275.58,0 għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u bl-imgħaxijiet mill-10 ta' Marzu, 1993";

Is-soċjetà konvenuta Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Limited, bħala aġenti għan-nom u in rappreżentanza ta' Mitsui O.S.K. Limited, hekk eċċepiet:

"In kwantu diretti kontra l-eċċipjent *nomine* t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-eċċipjent *nomine* mhuwiex responsabbli għan-nuqqasijiet u ħsarat allegati;

*Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel* eċċezzjoni l-interessi legali għandhom jiddekorru mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerċ; Ċitaz. nru. 112/86 - 6/4/92 - **Dr. R. Staines** ***et noe vs*** **Chev. Silvio Mifsud** ***noe et***);

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-eċċipjent m'għandux ibati s-*survey fee* stante li din mhijiex parti mid-danni ta' l-assigurat (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerċ; Ċitaz. nru. 112/86 - 6/4/92 - **Dr. R. Staines** ***et noe vs*** **Chev. Silvio Mifsud** ***noe et***);

Illi subordinatament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-responsabbilità ta' l-eċċipjenti *nomine* hija limitata skond il-polza tal-kariku;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Is-soċjetà The Cargo Handling Company Ltd. hekk eċċepiet:

"Illi preliminarjament għandu jiġi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' aġenzija li s-soċjetà attriċi qed tallega li għandha mas-soċjetà assiguratriċi estera;

Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess għandu jiġi esebit il-mod u/jew iċ-ċekk li bih sar il-pagament ta' Lm275.58,0 lil Industrial Motors Ltd. u l-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva;

Illi di più fil-meritu, l-importatur innifsu ffirma l-*Gate Pass Out* tramite r-rappreżentant tiegħu fejn huwa ddikjara li rċieva l-merkanzija "*in good order and condition*" bla ma

għamel jew insista għall-ebda rimarka dwar l-istess u *ai termini* tas-sentenza ddatata 19 ta' Awissu, 1992 fl-ismijiet **Reginald Micallef *vs* James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo** (Ċitaz. nru. 1103/86) Qorti ta' l-Appell, is-soċjetà konvenuta mhijiex responsabbli għall-allegat ħsarat;

Illi fl-aħħarnett u bla preġudizzju għall-premess, l-interessi jiddekorru mid-data meta l-ammont jiġi llikwidat stante li si tratta dwar kawża ta' danni u dana skond sentenza deċiża fis-6 ta' April, 1992 fil-Qorti ta' l-Appell - Sede Kummerċjali fl-ismijiet **Dr. Robert Staines u Walter Camilleri *vs* Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo** (Ċitaz. nru. 112/86);

Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*";

L-istess soċjetà eċċepiet ulterjorment:

"Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġà ssollevati, il-konvenut Godwin Abela *nomine* mhux responsabbli għall-allegati danni/nuqqas u dan *ai termini* ta' l-artikolu 70 tal-*Port Regulations 1966* (emendati bl-Avviż Legali 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bħala *units* u tingħata biss riċevuta bħala tali *units*;

Illi *ai termini* ta' l-artikolu 6 (3) (a) (v) tal-*Port Ordinance 1962* la darba tali merkanzija kienet meqjusa bħala *units* dan l-artikolu jeżimi ovvjament lis-soċjetà konvenuta minn kull responsabbilità;

Illi ukoll a bażi ta' l-artikolu 90 u *Schedule* 13 tal-*Port Regulations 1966*, l-importatur jaf li tali merkanzija tinħażen

"*in the open and always at the sole risk of the owner*" u għalhekk anke f'dan il-każ is-soċjetà konvenuta mhux responsabbli";

B'sentenza tad-29 ta' April, 1996 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet bħala nfondati l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd., laqgħet l-eċċezzjoni ssollevata mis-soċjetà konvenuta Cassar & Cooper (Shipping & Insurance) Ltd., fil-kwalità tagħha premessa, li hija ma kinitx responsabbli għan-nuqqasijiet u għall-ħsarat in kwistjoni u konsegwentement laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront biss tal-konvenut Godwin Abela *nomine*, bl-imgħaxijiet mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż kellhom jitħallsu mill-istess konvenut sokkombenti Godwin Abela *nomine*;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Illi mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà International Automobiles Limited importat konsenja ta' 44 karozza u fuq il-polza ta' karigu ma kien hemm ebda rimarki negattivi u, għalhekk, ifisser li ma kienx hemm nuqqasijiet u ħsarat;

Meta l-karozzi ġew rilaxxati lill-importatur, sar *survey* minn Wilfred Fenech ġewwa l-port qabel ma l-karozzi ħarġu mill-port u ġew kkonstatati diversi ħsarat u nuqqasijiet li l-valur tagħhom huwa ta' Lm276.58,0. Is-soċjetà mportatriċi kienet assigurata ma' l-attur *nomine* u tħallset is-somma msemmija ta' Lm275.58,0 u saret l-irċevuta u s-surroga favur l-attur *nomine*;

Il-kontestazzjoni hija dwar f'liema stadju saru l-ħarat u n-nuqqasijiet u għalhekk min mill-konvenuti hu resonsabbli għad-danni;

Meta l-karozzi ġew skarikati minn fuq il-vapur saret *joint tally* bejn l-aġenti tal-vapur u s-soċjetà konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.;

Skond dan il-*joint tally* ma kien hemm ebda rimarki negattivi u l-karozzi għaddew fil-kustodja ta' The Cargo Handling Co. Ltd. f'kondizzjoni tajba u mingħajr ħsarat u nuqqasijiet. Għalhekk, isegwi li d-danni saru meta l-karozzi kienu fil-kustodja ta' The Cargo Handling Co. Ltd.;

Huwa minnu li fil-*Gate Pass Out* ma hemm ebda rimarki negattivi, però din mhix xi prova assoluta. Mis-*survey* li sar minn Wilfred Fenech, qabel ma l-vetturi in kwistjoni ħarġu mill-port, jirriżulta li l-ħsarat u nuqqasijiet ġraw meta l-vetturi kienu għadhom fil-kustodja ta' The Cargo Handling Co. Ltd.;

Hija valida s-sottomissjoni ta' l-attur *nomine* li l-eċċezzjoni dwar *unitised cargo* mhix fondata għax ir-regolamenti ċċitati mill-konvenut Abela *nomine* ma japplikawx għall-karozzi in kwistjoni billi dawn ġew identifikati waħda waħda u dan jirriżulta anke mil *joint tally*. F'dan il-każ, anke ċ-ċwievet tal-vetturi ġew ikkonsenjati lill-konvenut Abela *nomine*;

Il-konvenut Abela *nomine* ma jistax jippretendi li għandu xi immunità in forza tar-regolamenti minnu ċċitati meta jiġi ppruvat, bħalma ġie fil-każ odjern, li l-ħsarat u nuqqasijiet ikunu ġraw meta l-karozzi kienu fil-kustodja tal-kumpannija minnu rappreżentata bħala riżultat ta' atti dolużi bħalma hu serq;

Għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Abela *nomine* mhumiex fondati;

Għar-rigward tal-konvenut l-ieħor William Harding *nomine*, ma jirriżultax li huwa responsabbli għad-danni in kwistjoni";

Is-soċjetà The Cargo Handling Co. Ltd. appellat minn din is-sentenza fuq diversi aggravji kollha tendenti biex jeżimuha mir-responsabbilità tal-ħsarat ireklamati mis-soċjetà assiguratriċi attriċi, kollha riflessi fir-raġunijiet illi hi avvanzat fl-eċċezzjonijiet oriġinali u dawk ulterjuri tagħha. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tinvesti l-aggravji kollha ta' l-appellant *nomine* u ser tillimita ruħha għall-ewwel ilment tiegħu ta' sustanza li jattakka l-meritu. Dan għaliex hi tal-fehma li wara li attentament eżaminat l-atti, illi hu aggravju sostenibbli u konsegwentement kull indaġini ta' l-ilmenti l-oħra tas-soċjetà appellanti tkun superfluwa u inutili;

Is-soċjetà appellanti infatti tissottometti illi l-provi akkwiżiti bl-ebda mod ma jiskossaw sodisfaċentement il-presunzjoni *iuris tantum* li l-*Gate Pass Out* nadif fir-rigward tal-vetturi mportati kien wieħed li korrettement jirrifletti l-kontenut tiegħu. Il-Qorti hi naturalment konxja mill-ġurisprudenza f'dawn l-aħħar snin dwar id-dubbji fuq l-attendibilità tal-*Gate Pass Out*, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari li f'ċertu żmien kien hemm fit-tħaddim tal-port u dwar is-sitwazzjoni li kienet tissanzjona tħaddim ta' sistema li kienet timponi fuq l-importatur li jaċċetta li jiffirma l-*Gate Pass Out* nadif avolja jkun konsapevoli li dan ma jkunx jirrispekkja l-verità. Dan għaliex altrimenti kien ikun lilu rrifjutat id-dritt li jirċievi l-merkanzija kollha qabel issir il-verifika sħiħ tal-ħsara. Dan kien ifisser li l-importatur kien ikun kostrett jew li jiffirma dokument inveritier biex jieħu ħwejġu jew inkella jekk jinsisti li l-*Gate Pass Out* ikun juri verament il-ħsarat u t-telf fil-merkanzija, hu jirrinfaċċja dewmien kbir biex hekk jagħmel, li kien ifisser telf ta' flejjes kbar u ta' żmien prezzjuż lill-importatur. Sistemi dawn li fortunatament ġew issa mwaqqfa u s-sitwazzjoni

normalizzata;

Jidher li l-inċident ta' din il-kawża ġara proprju meta kienu għadhom fis-seħħ dawn il-proċeduri, imma dan ma jfissirx, allura, li f'kull każ is-soċjetà appellanti kellha tinżamm responsabbli għad-danni rreklamati għall-ħsarat jew nuqqasijiet li jiġru fil-port mill-mument meta tinħatt il-merkanzija jew li kull indaġini f'dan ir-rigward kienet għal kollox inutili, għaliex kellu jiġi preżunt li l-*Gate Pass Out* nadif kien dejjem wieħed skorrett u inveritier. Anke fis-sitwazzjoni kif kienet allura, kien jibqa' xorta validu l-prinċipju li l-*Gate Pass Out* kellu jikkostitwixxi prova tal-kondizzjoni tal-merkanzija fil-mument tar-rilaxx lill-importatur, bid-differenza li l-Qorti ġustament kienet tippermetti l-prova li l-fatti ma kinux skond ma kien hemm fuqu ddikjarat tenut kont tar-riżultanzi tar-realtà tat-tħaddim tal-port f'dak iż-żmien. Tali prova kellha però tkun ċara u konklussiva u mhux, kif jidher li hu fil-każ taħt eżami, ekwivoka u kontradittorja;

Mhux ikkontestata l-ħsara li rreklamat is-soċjetà mportatriċi u li s-soċjetà attriċi assiguratriċi għamlet tajjeb għaliha in sodisfazzjoni ta' l-obbligi tagħha taħt il-polza ta' assigurazzjoni. L-attendibilità tas-*survey* magħmul minn Wilfred Fenech, *surveyor* tal-kumpannija Gasan Insurance Agency Limited inkarigata mis-soċjetà mportatriċi, mhijiex ikkontestata lanqas mis-soċjetà appellanti. Però din ġustament tirrileva illi l-parti l-kbira ta' l-ammont irreklamat kienu ħsarat u mhux telf jew serq. Di più l-parti l-kbira ta' dawn il-ħsarat u ċjoè Lm143.18 minn total ta' Lm203.18 kienet fuq vettura waħda. Din iċ-ċirkostanza hi rilevanti gaħx wieħed ma jarax għaliex kellu jkun allura diffiċli għar-rappreżentant tas-soċjetà mportatriċi li kien responsabbli biex jirtira l-vettura, li jirreklama almenu din il-ħsara li ma kinitx, bħalma kien ikun forsi l-każ ta' serq, tinkrimina lill-ħaddiema tas-soċjetà appellanti. Kienet ukoll ħsara viżibbli - daqqa fil-*bumper* - u

għalhekk materjalment faċilment kwantifikabbli. Mill-affidvait ta' dan Wilfred Fenech ma jirriżultax illi s-*survey* għan-nom tas-soċjetà Gasan Insurance Agency kien għamlu flimkien ma' xi rappreżentant tas-soċjetà appellanti u lanqas jidher illi wara li rriskontra l-ħsarat irreklamati hu kien direttament jew tramite r-rappreżentant tas-soċjetà mportatriċi ġieb il-fatt li kien irriskontra din il-ħsara a konjizzjoni tas-soċjetà appellanti;

Kien jonqos allura fil-każ taħt eżami l-opportunità ta' verifika da parti tas-soċjetà appellanti li mingħandha qed tiġi reklamata l-ħsara u li lilha qed tiġi addebitata r-responsabbilità għad-danni u konsegwentement allura l-istess soċjetà appellanti kienet qed tiġi mċaħħda mill-opportunità li tikkontesta tali addebitu *a tempo vergine*. Il-fatt li għan-nuqqas kellha tiġi attirata l-attenzjoni tad-*delivery clerk* fil-mument tar-rilaxx tal-konsenja tal-vetturi, flimkien mal-fatt li ma jidhirx illi kien hemm raġuni plawsibbli biex jiġġustifika tali nuqqas huma biżżejjed biex iħallu dak l-ispazju li jikkrea d-dubbju dwar meta u kif effettivament ġew ikkaġunati d-danni u t-telf. Dan id-dubbju kellu jmur favur il-presunzjoni *iuris tantum* li l-*Gate Pass Out* nadif kien effettivament jirrispekkja l-korrettezza tal-kontenut tiegħu. Dan hu allura wieħed mill-każijiet fejn għandu japplika l-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Reginald Micallef *vs* Jones**, deċiża fid-19 ta' Awissu, 1992, dwar il-piż li kellu jingħata l-*Gate Pass Out* u dwar l-importanza li l-importatur jindika l-ħsarat fil-mument opportun u l-konsegwenzi jekk hu negliġentement jonqos li hekk jagħmel. Insenjament li ma jmurx kontra dik il-ġurisprudenza l-oħra riċenti li għaliha saret referenza aktar 'il fuq li tippermetti li l-kontenut tal-*Gate Pass Out* nadif jiġi kkontestat u provi oħra preċiżi juru li l-fatti kienu differenti minn hekk u li bħala konsegwenza tiġi skossa l-presunzjoni *iuris tantum* li d-dokument kien jikkostitwixxi. Fil-każ taħt eżami dik il-prova preċiża u konvinċenti li kellha tinġieb a konjizzjoni ta' min kien qed jiġi addebitat bir-responsabbilità tad-danni u dana

tempestivament ma tirriżultax. L-appell jimmerita allura li jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi, is-sentenza appellata qed tiġi rrevokata u konsegwentement it-talba attriċi miċħuda ukoll fil-konfront tal-konvenut Godwin Abela *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà attriċi appellata.